MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2003

Appell Kriminali Numru. 184/2002

Il-Pulizija
(Spettur Jason Agius)

Vs

Grezzju sive Horace sive
Louis Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :

1) b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda u cioe' ;

2) talli fil-Pieta' fit-18 ta' Marzu 2000, ghall-habta ta' bejn l-4.30 p.m. u d-8.45 p.m. ikkommetta serq ta' vettura tal-ghamla Triumph 1300 bin-numru ta' registrazzjoni KAB 784, kif ukoll camera, recorder u diversi dokumenti mill-

istess vettura liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur, lok, hin u bix-xorta tal-haga misruqa u li sar ghad-dannu ta' Jonathon Farrugia mill-Imqabba;

3) talli f'Bormla fid-19 ta' Marzu 2000 ghall-habta tal-4.00 p.m. ikkommetta serq ta' handbag b'kontenut ta' flus u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Manwela Attard minn Bormla, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' l-istess Manwela Attard;

4) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ikaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Manwela Attard;

5) talli f'Rahal il-Gdid fid-19 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-4.45 p.m. ikkommetta serq ta' hand bag b'kontenut ta' flus u oggetti ohra minn fuq il-persuna ta' Theresa Abdilla anzjana ta' sitta u sebghin (67) sena mill-Fgura, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u li sar ghad-detriment ta' l-istess Theresa Abdilla;

6) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Theresa Abdilla;

7) talli f'Rahal il-Gdid fid-19 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tal-5.00 p.m. bil-hsieb li jikkommetti delitt ta' serq fuq il-persuna ta' Gemma Simiana mill-Gudja, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w ndipendenti mill-volonta' tieghu u li kieku sehh kien ikun ikkwalifikat bil-vjolenza u ghad-dannu tal-istess Gemma Simiana;

8) talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-istess Gemma Simiana;

9) talli f'Hal-Tarxien, fl-20 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tad-9.00 a.m. bil-hsieb li jikkommetta delitt ta' serq wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' serq ta' hand bag minn fuq persuna mhux maghrufa, liema serq ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu, ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa;

10) talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Marzu, 2000 ghall-habta tad-9.00 a.m. u fil-granet ta' qabel xjentement, laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew immexihom;

11) talli sar recidiv b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta diversament preseduti u datati 13 ta' Novembru, 1980, u ta' l-4 ta' Frar, 1994 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
12) u finalment talli kkommetta reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta' Lulju, 1998 fejn huwa kien instab hati li kkommetta reat u gie kkundannat tnejn u ghoxrin (22) xahar habs (prigunerija) sospizi ghal erba (4) snin.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-24 ta' Lulju, 2002, li biha wara li rat l-artikoli 261 (a) (b) (c) (e) (f) (g), 262 (1), 263, 267, 269, 270, 271, 274, 272 (b), 279, 17, 18, 221, 28 B, 49, u 50 tal-Kap 9 ordnat li s-sentenza sospiza moghtija mill-istess Qorti fit-3 ta' Lulju, 1998 tibda ssehh minn din l-istess data tas-sentenza kif ukoll ikkundannatu ghal tliet xhur piena karcerarja.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 t'Awissu, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi :
1) tikkonfermha fil-parti fejn sabitu mhux hati tar-reat ta' ricettazzjoni skond l-artikolu 334 tal-Kap 9;
2) thassarha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu hati tal-imputazzjoni w minnha tilliberah skond il-ligi;
3) tikkonfermha dwar ir-reita tal-imputazzjonijiet l-ohra rimanenti;
4) konsegwentement ghall-bqija tiddisponi mill-appell b'dan il-mod.

F'kaz pero li l-appell ma jigix milqugh, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi tigi mposta piena jew sanzjoni aktar adattata ghac-cirkostanzi attwali tal-esponent.

Rat illi l-aggravji tal-appellant li huma limitati ghall-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , jikkonsistu fil-qosor fis-segwenti :- li l-Ewwel Qorti ma setghetx tordna li is-sentenza sospiza tat-3 ta' Lulju, 1998 tibda ssehh skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Lulju, 2002 fil-kawza fl-

ismijiet “Il-Pulizija vs. Mahmud Abdudumehdn Tarek” u dana a tenur tal-artikolu 527 tal-Kodici Kriminali u stante li l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet gja ttrattat mieghu talli kien ikkommetta reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija fil-periodu operattiv ta’ zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 t‘Ottubru, 1996 u t-3 ta’ Lulju, 1998 u dana fis-sentenza taghha tal-25 ta’ Settembru, 2001 (Appell Krim. Nru. 91/2001) u ghalhekk l-appellant ma setax jigi assoggettat ghal din l-imputazzjoni ta’ fatt quddiem -Ewwel Qorti , la darba kien gja gie assoggettat ghal tali imputazzjoni ta’ fatt fit-termini tal-imsemmija sentenza ; Li minghajr pregudizzju ghall-premess , l-Ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tal-akkuza migjuba taht il-paragrafu (xi) u cioe‘ li kkommetta reat fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-3 ta’ Lulju, 1998 , fejn gie kundannat ghal tnejn u ghoxrin xahar prigunerija  sospizi ghall-erba snin u allura lanqas setghet tordna li tali sentenza tidhol fis-sehh ghax hu gja kien trattat dwar din is-sentenza sospiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell 91/2001 PV fuq imsemmi meta dik il-Qorti ghamlet ordni ta’ probation . Ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’ dak l-imputazzjoni; Illi jezistu cirkostanzi fattwali li jimmilitaw favur temperament fil jew sostituzzjoni tal-piena karcerarja imposta u dana minhabba ragunijiet ta’ familja, ghax kien irrovina hajtu bid-droga u ghar-ragunijiet moghtija fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija . Kien ghalhekk indikat li jigi applikat  l-art. 5 tal-Kap.152  stante li kien qed jaghmel programm ta’ riabilitazzjoni ; Li  l-appellant ghamel madwar tmin xhur taht arrest preventiv qabel mar ghal programm imsemmi u ma jidhirx li dan it-terminu gie konsidrat mill-Ewwel Qorti .

Fliet l-atti kollha processwali ;

Ezaminat il-kondotta aggornata esebita mill-Prosekuzzjoni bin-nota taghha tat-18 ta’ Novembru, 2002;

Semghet l-Abbli Difensur u l-Abbli Prosekutur fil-kors tas-seduta  tas-7 ta’ Novembru, 2002 ;

Ikkonsidrat :-

Illi dwar l-ewwel zewg aggravji tal-appellant li l-Ewwel Qorti kienet prekluza milli terga' tqis il-kommissjoni ta' reat fil-periodu tal-erba snin imsemmi fis-sentenza tat-tnejn u ghoxrin xahar habs sospizi , ghax l-appellant gja kien gie trattat ghal dan il-fatt bis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tal-25 ta' Settembru, 2001 , jigi osservat is-segwenti .

Illi huwa fatt li s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali tal-25 ta' Settembru, 2001 , kienet dwar appell minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 t' April, 2001 , moghtija fil-konfront tal-appellant odjern u li biha hu kien gie kundannat ghal sentejn prigunerija w li fiha kien gie ordnat li z-zewg sentenzi sospizi moghtija mill-istess Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-2 t' Ottubru , 1996 u dik tat-3 ta' Lulju, 1998 , kellhom jibdew isehhu .

Dik il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet iddisponiet mill-appell billi laqghet it-talba ghar-riforma jew bdil tas-sentenza hemm appellata fil-parti tal-piena u fil-kliem testwali taghha : ".... ghalhekk , minnflok il-piena imposta fuqu mill-Ewwel Qorti , inkluza l-ordni Taghha li z-zewg sentenzi ta' piena karcerarja sospiza jibdew isehhu , in sostituzzjoni tal-istess , qed taghmel Ordni ta' Probation taht l-Artikolu 5 tal-Kap.152..."

Illi minn din id-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta, l-appellant qed jargumenta li l-Qorti allura diga "ttrattat" mall-appellant dwar is-sentenza sospiza tat-3 ta' Lulju, 1998 , b'mod li allura kull Qorti ohra hija prekluza milli terga' tittratta mall-appellant dwar l-istess sentenza sospiza.

Illi din il-kwistjoni giet trattata "funditus" mill-oghla Qorti Maltija w cioe' l-Qorti Kostituzzjonali komposta mill-Prim' Imhallef J. Said Pullicino u l-Imhallfin C. Agius u Joseph D. Camilleri , fis-sentenza Taghha tal-4 t' Awwissu, 1999, fil-kawza fl-ismijiet : "Ivan Fenech vs. Avukat Generali" li proprju ttrattat il-punt dwar jekk Qorti tistax tordna illi sentenza sospiza tigi fis-sehh meta dan il-punt ikun diga'

gie b’ xi mod trattat minn Qorti ohra. Jintqal testwalment hekk f’ din is-sentenza :-

“Il-fatt li persuna tigi trattata dwar sentenza sospiza w l-Qorti tiddeciedi li testendi l-periodu operattiv tas-sentenza ma jipprekludix Qorti ohra li ssib l-istess persuna hati ta’ reat iehor kommess fil-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza , milli tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza . Altrimenti naqghu fl-assurd li ghax il-Qorti deherilha li kellha testendi l-periodu operattiv ta’ sentenza sospiza ghaliex ir-reat iehor sussegwenti kien jikkonsisti fi hsara volontarja, Qorti ohra li ssib hati lill-istess persuna ta’ omicidju volontarju kommess fil-periodu operatttiv tas-sentenza sospiza ma tkunx tista’ tirrendi operattiva dik is-sentenza sospiza. Fil-fatt li Qorti tittratta darbtejn jew aktar dwar l-istess persuna in konnessjoni mal-istess sentenza sospiza , ma hemm l-ebda element ta’ “ne biss in idem” anzi din hi haga mill-aktar normali . Dik il-persuna tkun giet ipprocessata darba ghar-reat li dwaru inghatat is-sentenza sospiza . Meta l-Qorti terga tittratta dwaru in konnessjoni mall-istess sentenza sospiza , ma tkunx qeghda tipprocessah mill-gdid ghar-reat originali , kull ma tkun qed taghmel tkun li qeghda tezamina jekk il-kondizzjoni ghas-sospensjoni tas-sentenza gietx miksura u , fl-eventwalita’ li tirriskontra tali ksur ma hemm xejn fil-ligi x’ jipprekludiha milli tirrendi operattiva dik is-sentenza anki jekk Qorti ohra dwar reat differenti kommess fil-periodu operattiv ta’ dik is-sentenza deherilha li in virtu’ tan-natura ta’ dak ir-reat differenti ma kellhiex tirrendi operattiva s-sentenza u minnflok deherilha li kellha testendi dak il-periodu operattiv. Anqas f’ dan l-eghmil ma hemm l-elementi ta’ “ne biss in idem” .

Umbaghad il-Qorti Kostituzzjonali kompliet telabora l-hsieb taghha w tispjega hekk :-

“Biex taghmilha cara din il-Qorti , mhuwiex qieghed jinghid illi meta jkun hemm vjolazzjonijiet multipli u mhux fl-istess kuntest ta’ zmien u kontra ta’ ordni ta’ sentenza sospiza, f’kull kaz ghandha tigi applikata s-sanzjoni kontemplata mill-ligi billi s-sentenza sospiza tigi attivata

aktar minn darba . In fatti qed taghmilha cara din il-Qorti illi una volta attivata s-sentenza sospiza minhabba li jkun gie kommess reat punibbli bi prigunerija fil-periodu operattiv taghha , l-istorja tieqaf hemn anke jekk jirrizulta li fl-istess periodu operattiv gew kommessi vjolazzjonijiet konsistenti f'reati ohra punibbli bi prigunerija .Igifieri una volta stabilit il-ksur , una volta stabilit li gie kommess reat iehor punibbli bi prigunerija fil-kors tal-periodu operattiv tal-ordni tas-sentenza sospiza, jekk minhabba f'hekk dik is-sentenza sospiza tigi attivata, certament m'huwiex il-kaz li f'kazijiet sussegwenti fejn ic-cirkostanzi huma simili , cioe' fejn jirrizulta ksur tal-istess sentenza sospiza , jerga' jigi riattivat dak li fil-fatt huwa gja attivat . Dana johrog mhux biss bhala ezercizzju tal-logika , imma anke minn dak li jipprovdi l-artikolu 28B (1) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi kif gej :-

"Meta persuna tinstab hatja ta' reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija li jkun sar matul il-periodu operattiv ta' sentenza sospiza u / jew tkun hekk instabet hatja minn jew quddiem Qorti kompetenti skond l-Artikolu 28C li tittratta maghha ghar-rigward tas-sentenza sospiza , jew sussegwentement tidher jew tingieb quddiem dik il-Qorti,f'dak il-kaz, hlief jekk is-sentenza tkun diga bdiet issehh , dik il-Qorti ghandha tordna li s-sentenza sospiza ghandha tibda' issehh."

Issa kif wiehed jista' jara, s-sentenza ta' din il-Qorti tal-25 ta' Settembru, 2001, kull ma ghamlet kien li poggiet lill-appellant taht "probation" u b'ebda mod ma attivat xi wahda miz-zewg sentenzi sospizi hemm imsemmija , li suppost li baqghu in vigore pero mhux attivati sakemm jiskadi l-periodu operattiv taghhom. Zgur li ma jistax jintqal li l-provvediment ta' probation , kien b'xi mod attiva s-sentenzi ta' habs sospizi li kellu l-appellant imdendla fuq rasu , inkluza dik tat-3 ta' Lulju, 1998 ta' 22 xahar prigunerija. Ghalhekk fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni cara tal-Qorti Kostituzzjonali fuq citata , l-Ewwel Qorti f' din il-kawza kienet pjenament libera li tittratta mall-appellant billi tattiva s-sentenza sospiza imsemmija. Ma kien hemm ebda ostakolu legali biex l-Ewwel Qorti taghmel dan , ghax iz-zewg sentenzi sospizi qatt ma

setghu jimbidlu minn dik il-Qorti tal-Appell ghax ma kienx hemm appell dwarhom u mill-banda l-ohra zgur li bil-probation ma gewx attivati .

Illi s-sentenza ta’ din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Mahmud Abudumehdn Tarek” tas-26 ta’ Lulju, 2002, citata fir-rikors tal-appell ma ghandha ebda rilevanza ghall-kaz in kwistjoni. Di fatti minn ezami akkurat ta’ dis-sentenza johrog li l-punt li gie deciz fiha hu li wiehed ma jistax jigi processat darbtejn fir-rigward ta’ ksur ta‘ sentenza sospiza fuq l-ISTESS FATTI (emfasi ta’ din il-Qorti), wara li jkun gie liberat minn addebitu simili minhabba nuqqas ta’ provi . Izda fil-kaz in ezami mhux fuq l-istess fatti qed jigi processat l-appellant . Di fatti l-akkuzi li tahthom jinsab akkuzat l-appellant f’dan l-appell mhumiex l-istess li fuqhom kien akkuzat fil-process li spicca bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta’ Settembru, 2001, imma serqiet u “snatch and grab cases” ohra kommessi fi zmienijiet, postijiet u kontra vittmi differenti , li pero’ ukoll saru bi ksur u tul il-periodu tal-istess sentenza sospiza tat-3 ta’ Lulju, 1998.

Ghalhekk dan l-aggravju in kwantu bazat fuq konsiderazzjonijiet ta’ ligi w tal-principju ta’ “ne bis in idem” huwa ghal kollox infondat . Illi umbaghad ladarba l-Ewwel Qorti kellha ndubbjament id-dritt li tittratta mall-appellant odjern ghall-ksur car u manifest tas-sentenza sospiza , hija kellha d-diskrezzjoni li taddotta kwalsiasi wahda mil-mizuri kontemplati mill-ligi fl-artikoli 28A sa 28H tal-Kodici Kriminali w din il-Qorti , fil-kaz in ezami , meta l-appellant , kien ghaddej minn “spree” ta’ serq ta’ karozzi w , forsi aktar serju minn hekk , sensiela ta’ “snatch and grab cases” minnghand nies indifezi w vulnerabbli bhal ma huma nisa ta’ eta’ avvanzata , kemm Maltin u kif ukoll turisti , u li hafna minnhom spiccaw addirittura b’korrimenti u feriti gravi fuq il-persuni taghhom, ma ghandha ebda raguni ghala tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti meta hasset li ghandha tattiva s-sentenza sospiza tat-3 ta’ Lulju, 1998 minnha stess moghtija f’okkazjoni ta’ sensiela ta’ serqiet simili precedenti .

Illi umbaghad dwar l-aggravju dwar il-piena karcerarja ta’ tlitt xhur , imposta fuq l-appellant mill-Ewwel Qorti , din il-Qorti dejjem irriteniet li hi m’ghandhix, ghal xejn b’xejn , tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti w tirriforma l-piena sakemm din ma tkunx tohrog mill-parametri tal-ligi jew inkella sakemm ma tkunx wahda manifestament eccessiva, haga li zgur li mhux il-kaz fl-appell odjern . Dan ghaliex l-Ewwel Qorti tkun ghexet il-process kollu w jkollha ferm aktar opportunita’ li tizen il-karattru tal-akkuzat li jkun normalment ghamel xhur shah jekk mhux snin jidher quddiemha tul il-perjkors tal-kumpilazzjoni w trattazzjoni w allura ndubbjament tkun f’pozizzjoni ahjar biex tifhem u tizen l-ahjar piena addatata skond il-kaz.  Dana aktar u aktar f’dan il-kaz ghax l-appellant odjern kien gie processat darbtejn quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-istess Magistrat .

Illi fost ir-ragunijiet migjuba ‘l quddiem in sostenn ta’ dan l-aggravju tal-appellant hemm li hu gie trattat minn Qrati ohra , inkluz din il-Qorti diversament preseduta,  b’certu mod mentri gie trattat mill-Ewwel Qorti b’mod aktar sever ghal reati tal-istess xorta, kommessi piu‘ o meno fl-istess epoka .

Illi  l-ewwel nett din il-Qorti  fliet ir-ragunamenti w motivazzjonijiet  kontenuti fis-sentenza tal-Ewwel Qorti li wassluha  biex timponi sentenza ta’ habs  u ma ssib xejn x’ ticcensdura f’dawk il-motivazzjonijiet. L-Ewwel Qorti , di fatti, hadet in konsiderazzjoni l-kondotta  kriminali mzewwqa tal-appellant li jidher li ilu attiv fis-serq ta’ vetturi u ta’ basktijiet minnghand persuni , apparti reati ta’ gravita’ inqas li ukoll izewwqu l-fedina penali refrattarja tieghu , ghall-mill-inqas dawn l-ahhar  tlieta w ghoxrin  sena . Di fatti kien fid-19 ta’ Lulju, 1979  meta gie misjub hati ghall-ewwel darba mill-Qrati ta’ sensiela ta’ serq ta’ din ix-xorta w dak in-nhar il-Qorti lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor . Dan izda jidher li ma sewa ghal xejn ghax proprju ftit xhur wara li nghata din il-liberazzjoni kondizzjonata , hu rega kkommetta sensiela ta’ serq ta’karozzi w din id-darba gie sentenzjat ghal piena ta’ seba xhur prigunerija . Umbaghad fis-26 ta’ Jannar, 198l ,

gie mibghut sena habs fuq ksur ta' probation. Anki dan ma sewa' ghal xejn ghax fl-4 ta' Frar, 1994 rega gie misjub hati ta' serq ta'karozzi w sensiela ohra ta' serq ta' basktijiet u inbaghat tlitt snin habs.

L-agir refrattarju tal-appellant pero' xorta ma waqafx hawn ghax rega kkommetta serq aggravat bil-vjolenza w nstab hati ta' dan fit-22 t' Ottubru, 1996 , pero' din id-darba l-Qorti deherilha li kellha tapplika il-provvediment ta' ta' sentejn habs sospizi . Umbaghad fit-3 ta' Lulju, 1998 , rega nstab hati ta' serq u hsarat volontarji w rega nghata 22 xahar habs sospizi . Umbaghad fil-25 ta' Settembru, 2001 , meta rega instab hati ta' serq ta' vettura gie impoggi taht "probation" u l-istess ghall-sensiela ohra ta' serq ta' basktijiet rega inghata il-"probation" b'sentenza tas-7 t' Awwissu, 2002.

Illi fid-dawl ta' din il-kondotta , l-Ewwel Qorti deherilha , kif kellha kull dritt li jidhrilha , li l-appellant ghall-kaz quddiem din il-Qorti ma kellux jinghata aktar opportunitajiet mill-Qorti w li kien wasal iz-zmien li ried ihallas il-kont tieghu mas-socjeta' . Din il-Qorti ma ssib xejn x' ticcensura f'dar-rigward fis-sentenza appellata.

L-appellant , kien inghata opportunita' l-ewwel darba li habat difrejh mall-ligi bil-kbir .Izda , ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena jew aktar baqa' jippersisti fl-agir tieghu w sahansitra minnhabba f'hekk gie kundannat il-habs f'diversi okkazzjonijiet ghall-reati tal-istess xorta, u minkejja li kellu l-fortuna li b'dana kollu jerga' jibda' inghata l-beneficcju ta' sentenzi sospizi w tal-probation , baqa' ma fehem xejn, kif qalet l-Ewwel Qorti ,u li l-opportunitajiet li kien rega' nghata mill-Qrati ma kienux jaghtuh ebda mmunita' perenni biex kull darba li jinqabad u jigi misjub hati , jissoleva l-fatt li xi Qrati urew klemenza mieghu aktar minn ohrajn.

Illi din il-Qorti tifhem li l-provvedimenti tal-liberta' kondizzjonata kontemplata fl-art. 9 tal-Kap. 152 u tal-"probation" kontemplata taht l-art. 5 tal-istess Kapitolu tal-Ligijiet ta' Malta , kif ukoll dawk tas-"suspended sentence" introdotti bl-emendi ghall-Kodici Kriminali fl-artikoli 28A et.

seq. huma ntizi ghall-nies li jkunu “first offenders” u ghad hemm tama li jigu rkuprati mis-socjeta’ u mhux f’kazijiet ta’ persuni recidivi li jkunu inghataw opportunita’ jew addirittura aktar minn’ opportunita’ wahda biex jaghmlu dan u xorta wahda ma juzufruwixxux minnha , jew li addirittura jkunu gja ntbaghtu l-habs f’certi kazijiet aktar minn darba , bhal fil-kaz in ezami.

Illi umbaghad lodevoli kemm hu lodevoli l-isforz li jista’ qed jaghmel l-appellant biex jirriforma ruhu u jehles mill-vizzju tad-droga, sforz li hu ghandu jsib l-inkoraggiment kollu tal-awtoritajiet karcerarji biex jippersisti fih, dan ma jannjentax id-debitu li hu ghandu versu s-socjeta’ ghall-allarm socjali li reati ta’ din ix-xorta joholqu . Jekk l-appellant qed johrog mill-vizzju tad-droga, l-ewwel li ser jibbenefika minn dan ser ikun hu stess u min jiddependi minnu w ma jistax isarraf dan l-isforz billi jahrab minn idejn il-ligi.

Illi din il-Qorti f’dan l-Appell mhux imsejjha biex taghti gudizzju fuq is-sentenzi citati mill-abbli difensur tal-appellant , imma biss biex tara jekk is-sentenza appellata ghandhiex issofri varjazzjoni dwar il-piena. Ghalhekk la trid u lanqas tista’ tesprimi gudizzju fuq is-sentenzi fejn l-appellant ,li kien recidiv ghal aktar minn darba w sahansitra sentenzjat ghall-habs ghall-aktar minn darba , rega beda’ jinghata l-probation u sentenzi sospizi b’ mod ripetut f‘ certu periodu . Dawk il-Qrati li mxew hekk mall-appellant deherilhom li ghandhom jaghtu fiducja lill-appellant . L-Ewwel Qorti pero’ fic-cirkostanzi kellha kull dritt li ma tkunx ispirata bl-istess sens ta’ fiducja fl-appellant u li minnflok tapplika l-piena tal-prigunerija bhala dik indikata. Din il-Qorti , tenut kont tal-iter kriminali tal-appellant , ma thossx li ghandha tindahal f’din id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti minhabba dan l-aggravju tal-appellant .

Illi umbaghad dwar l-ahhar aggravju tal-appellant dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni taz-zmien li l-appellant kien dam taht arrest preventiv qabel ma beda programm ta’ riabilitazzjoni , din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza taghha fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs.

Jason Caruana" [19.9.02] fejn gie ritenut li dment li tibqa' ma tidholx in vigore l-emenda ghall-Artikolu 22 introdotta bl-Att III tal-2002, il-pozizzjoni legali hija w tibqa' dik kif enuncjta fl-art. 22 tal-Kap.9 prezenti li jiddisponi testwalment hekk :-

"Il-Qorti hija u tiffissa l-piena li tisthoqq tista' tqis FID-DISKREZZJONI TAGHHA (emfasi ta' din il- Qorti) kull zmien li tulu l-akkuzat kien inzamm f'kustodja qabel ma nsab hati , minhabba r-reat jew reati li bih jew bihom huwa jkun akkuzat."

Illi fl-appell kriminali "Il-Pulizija vs. Joseph Cini" [29.8.94] li kien ittratta aggravju identiku , kien gie ritenut li kien fid-diskrezzjoni tal-Qorti tal-ewwel grad jekk tqisx jew le l-periodu li l-akkuzat ikun ghamel taht arrest preventiv u li dik il-Qorti tal-Appell Kriminali ma kienx deherilha li kellha tiddisturba dik id-diskrezzjoni .

Illi dan il-punt kien gie trattat ukoll fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Jean Claude Cassar et.," [16.3.2001] fejn intqal :-

"jigi osservat li dan il-beneficcju jinghata mill-Qorti fid-diskrezzjoni assoluta taghha w mhux b'xi dritt tal-persuna misjuba hatja w kundannata ghal xi piena karcerarja . Dan il-beneficcju jinghata meta l-Qorti li tinfliggi l-piena thoss li ghandha tatih wara li tkun hadet in konsiderazzjoni dak kollu li jidhrilha rilevanti . Sabiex ikun hemm dan it-tnaqqis taz-zmien preventiv , il-Qorti ghandha tordna hekk specifikatament fis-sentenza taghha. Jekk ma ssemmiehx, bhal ma jidher fil-kaz prezenti , dan ma jfissirx li l-Qorti tkun naqset li ssemmieh b'kapricc jew ghax insiet . Ifisser biss li l-Qorti hasset , tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz, li m'ghandhiex tordna li z-zmien t'arrest preventiv jigi mnaqqas mill-piena karcerarja inflitta."

Ghalhekk fid-dawl tal-gurisprudenza citata, din il-Qorti ma ghandhiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghad-diskrezzjoni assoluta tal-Ewwel Qorti fl-applikazzjoni o meno ta' tali tnaqqis . Pero' fil-kaz in ezami tant kienet minima l-piena ta' habs moghtija mill-Ewwel Qorti fis-

sentenza appellata , konsidrata l-htija li rrizultat u l-kondotta refrattarja tal-appellant , li l-Ewwel Qorti jidher li hadet kollox in konsiderazzjoni meta ma ordnatx dan it-tnaqqis taz-zmien tal-arrest preventiv. Ghalhekk anki dan l-ahhar aggravju jidher infondat .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud , u s-sentenza appellata konfermata.

--------------------------------TMIEM--------------------------------